CARMELO GALEA S.D.B.

# ERODI

Traġedja fi Tliet Atti u Tliet Kwadri

Xi xeni meħudin mill-

"MARTRI TAL-GOLGOTHA"

Opra ta' D. Enrico Perez Escrich

SALESIAN ORATORY
ALEXANDRA STREET
SLIEMA-MALTA

# FI ĦDAN IL-MULEJ

Azzjoni kważi Sagra

f'Att wieħed

mill-"Oracolo ta' Saint Faix".

Stamperija "Dar ta' San Ġużepp"
Hamrun — Malta
1961

*Id-drittijiet tat-Traġedja "Erodi" huma riservati. Hadd ma jista' bl-ilsien Malti jaħdem dan id-dramm fuq il-palk, jew ixandar minn fuq ir-Rediffusion jew juża xort'oħra dan ix-xogħol teatrali mingħajr is-sensja tal-kittieb jew tas-Superjuri ta' l-oratorju Sależjan ta' tas-Sliema, Malta.*

CARMELO GALEA S.D.B.

# E R O D I

Traġedja fi Tliet Atti u Tliet Kwadri

Xi xeni meħudin mill-

"MARTRI TAL-GOLGOTHA"

Opra ta' D. Enrico Perez Escrich

# FI ĦDAN IL-MULEJ

Azzjoni kważi Sagra

f'Att wieħed

mill-"Oracolo ta' Saint Faix".

SALESIAN ORATORY
ALEXANDRA STREET
SLIEMA-MALTA

Stamperija "Dar ta' San Ġużepp"
Hamrun — Malta
1961

DEDIKA

Niddedika

dan iċ-ċkejken xogħol tiegħi

Lil għeżież ta' qalbi

Atturi tal-għaqda Filodrammatika

"San Ġenesju"

ta' l-oratorju Sależjan ta'

tas-Sliema

Malta.

# ERODI

TRAĠEDJA FI 3 ATTI U 3 KWADRI

ta'

**CARMELO GALEA S.D.B.**

Xi Xeni huma meħudin mill-

"MARTRI TAL-GOLGOTHA"

Opra ta' D. Enrico Perez Escrich

## PERSUNAĠĠI

ERODI L-KBIR — Tetrarka tal-Ġudea.

ARCHELAO — Bin Erodi l-Kbir

ANTIPATER — Ħuh iż-żgħir

SALOME' — Oħt Erodi

ALEXOS — Żewġha, tabib

ACHIAB — Bin Archelao, ta' 12-il sena

CINGO — Irsir iswed minn Ethiopia

ENOE' — Xebba ta' l-akbar ġmiel

VERUTIDIO — Ġeneral Ruman

RIFAR — Duttur tat-Tempju

SERGO — Ċenterjun Ruman

MELCHIORRE
BALDASSERE } Maġi Orjentali
GASPARE

ĠUŻEPPI — Missier Putattiv ta' Ġesù

MARIJA — Verġni bil-Bambin

ANĠLU GABRIEL

PROLOGU

Erba' suldati Rumani.

Epoka: Meta twieled Sidna Ġesù Kristu. Kostumi Rumani u Orjentali ta' dak iż-żmien. L-azzjoni tisvolġi ruħha fil-Palestina.

## PROLOGU

Ix-Xena tkun purtiera fil-proxeniku. Xejn fuq il-palk.

### Il-Prologu waħdu

PROL. *(Liebes tunika twila bajda orjentali u mantell kbir mil-lewn id-demm tal-baqra mixħut minn spalla għall-oħra, fuq rasu kuruna tar-rand biż-żibeġ tal-fidda. Mużika).* Kienu għaddew tnax-il-sena ta' paċi u hena u l-bniedem ħa nifs ta'mis-trieħ. Imma rwiefen reġgħu qamu kontra s-Sema u l-Art u ħafna mill-bnedmin tjassru taħt it-toqol tal-ktajjen. Allura Alla tefa' l-ħarsa Tiegħu tal-ħniena fuq id-dinja u ħaseb biex jinżel fuq l-art taħt xbiha ta' bniedem biex isaffiha bid-demm ta' l-Iben Tiegħu. Iżda meta Erodi l-Kbir it-Tetrarka tal-Ġudea waqgħu taħt għajnejh il-kotba tal-Profeti u qara li mara Verġni għandha tagħti lid-dinja s-Sultan tal-Ġnus kollha biex ikun il-Feddej ta' l-umanità, esklama: "Min jista' jkun dan il-Bniedem akbar minni li jniżżilni minn fuq it-tron u jisraqli l-kuruna tal-ġawhar li żżejjen din ir-ras tiegħi?". Ukoll il-kbarat tat-tempju ta' Ġerusalemm għal din l-aħbar bħal milqutin minn sajjetta ċarrtu l-ħwejjeġ ta' fuqhom! Imma għadda ż-żmien u mill-profeziji dwar Kristu ma ntilfitx kelma. Sema sabiħ tal-Galilea, għajnejja ma rawx iżjed ilwien poetiċi ta' sbieħ l-Għid ta' Salamun; għoljiet imsaħħra tal-Carmelo, sidri ma ġibidx iżjed dik l-arja tiegħek ibbalzmata; xtajtiet tal-Ġurdan, xuftejja ma jixorbux iżjed l-ilma safi tal-mewġ tiegħek; art imbierka tal-għolja tal-Kalvarju, saqajja ma jirfsux iżjed dak il-ġebel li ġurnata kienu mxarrbin bid-demm t'Alla

Bniedem, u bid-dmugħ ta' Ommu Marija. Imma hekku, ix-xemx niżlet, u minn taħt dik il-ħmura tal-porpra tfaċċaw il-qamar u l-kwiekeb, raġġ divin minn lewn id-deheb infirex fuq id-dar fqajra tal-Putattiv Ġużeppi bin David. Bnedmin, morru żżejnu bil-ħwejjeġ tal-festa u magħkom ġibu fjuri jfuħu ħalli flimkien immorru naraw x'ġara. *(Joħroġ u għal ftit tingħalaq il-purtiera l-kbira. Wara ftit minuti l-purtiera l-kbira terġa' tinfetaħ.)*

## L-Ewwel Kwadru

Xena. Bħal ta' Qabel.

Marija Verġni tinsab għarrkupptejha fuq inġinokkjatur qiegħda titlob u mbagħad l-Anġlu Gabriel. Hekk kif tinfetaħ il-purtiera tinstema mużika sabiħa.

MAR. *(Malli tieqaf il-mużika, bi ħlewwa soppranaturali).* Alla ta' l-eżerċiti, li fl-arpa ta' David smajt il-leħen Divin tiegħek u baxxejt rasi sat-trab ta' l-art biex dan il-Ġilju maqtugħ mill-Wied ta' l-Eden ma jitlifx is-safa tiegħu, agħmel li din qalbi tkun tabernaklu ta' Ruħ il-Qodos u qatt ma tiġi nieqsa minn dak id-dawl li fih jgħammru miegħek l-Anġli tas-Sema. *(Ma' l-aħħar kelma, raġġ abjad ta' dawl idawwal lil Marija, il-mużika terġa' tinstema' u minn ġo nofs dak id-dawl jidħol l-Anġlu Gabriel).*

GAB. Nazzaret, ħamiema bajda ta' l-Orjent, inti bnejt il-bejta tiegħek għad-dell ta' Hermon biex idduq il-ħlewwiet tal-fwieħa li joħorġu mill-fjuri tal-ġonna tiegħek, iżda l-isbaħ fjur li ħareġ mill-art bennija tiegħek huwa t-tfajla Marija, li

minnha waslet biex isseħħ il-profezija: "Huwa twieled bħal kewkba ta' filgħodu tħares lejn ix-xemx. Mhux le qalb id-deheb tal-Persja u anqas fuq it-tapiti ta' l-Eġittu, imma fil-faqar ta' Nazzarett. Iżda b'dan kollu hija maħtura biex tkun is-Sultana tas-Sema u l-Art. Biex tkun l-Omm ta' l-Iben t'Alla". *(L-Anġlu li kien ftit bogħod mill-Madonna issa jersaq maġenbha u bi kliem l-aktar ħelu u profetiku jgħidilha).* Issliem għalik, Marija, bil-grazzja mimlija, is-Sinjur Alla miegħek, imbierka int fost in-nisa. *(Marija baqgħet b'għajnejha msammrin ma' l-art bla ma tnissel kelma).* Tibżax minni, Marija, għaliex inti sibt it-teżori tal-grazzja t'Alla, u għalhekk inti għad trid tagħti lid-dinja iben li jkun jismu Ġesù. Dan jikber u jkun jissejjaħ Iben l-Altissimu. Il-Missier Alla tiegħu jagħtih it-tron ta' David u Huwa jsaltan eternament fid-dar ta' Ġakobb u s-saltna Tiegħu ma jkollha qatt tmiem.

MAR. Imma kif qatt jista' jkun dan jekk jiena fuq l-artal ikkonsagrajt il-ġilju ta' qalbi?

GAB. Ruħ il-Qodos jinżel fik u n-nar Tiegħu jinkarna lil Iben, u għalhekk il-frott imbierek li minnek itwieled ikun jismu Iben ta' l-Altissimu.

MAR. Hekku l-qaddejja tal-Mulej, ikun minni skond kelmtek. *(Ma' din il-kelma l-Anġlu jbaxxi rasu u ħelu ħelu tingħalaq il-purtiera l-kbira).*

SALESIAN ORATORY
ALEXANDRA STREET
SLIEMA-MALTA

## L-EWWEL ATT

### L-Ewwel Xena

Erodi, Alexos u Salomè

Palazz fis-saltna ta' Erodi l-Kbir. Maż-sbieħ. Sala b'dak kollu li titlob ir-rgħeba ta' Sultan li jgħix għall-ussuri u l-pjaċiri tad-dinja, fost kollox sodda u mejda li fuqha hemm żewġ kuruni tad-deheb u ġawhra tas-slaten u lampa taż-żejt tad-deheb għamla ta' Ajkla Rumana. Kuruna oħra tar-rand fuq imħadda tal-ħarir.

Erodi jinsab mindud fuq sodda wiċċu 'l fuq, rasu mixħuta fuq il-pali ta' jdejh jitgħawweġ taħt it-toqol ta' l-uġiegħ, liebes tunika twila, f'qaddu ċinturin kollu fosos tad-djamanti, xagħru beda jibjad ġmielu, u żewġ imsielet kbar imdendlin f'widnejh. Leħja twila ħuġbejh kbar u għajnejh fil-ħofra. Wiċċu lewn il-qamħ, ġbinu mkemmex, il-ħarsa tiegħu ta' bniedem salvaġġ u assassin. Ftit il-bogħod minnu, mixħutin fuq sufan jinsabu Alexos u Salomè. Salomè mara sabiħa ta' 40 sena liebsa lussuż u wiċċha għandu minn ta' ħuha Erodi. Alexos raġel ta' 42 sena, wiċċu ħelu bajdani u għajnejh sempliċi bħal ta' ħamiema. Dan ukoll liebes tunika orjentali ornata bid-deheb.

ALEX. *(Lil-Salomè minn taħt l-ilsien).* Għażiża marti, Salomè, x'lejl tal-biża' għaddejna! Huk, it-Tetrarka Erodi għadda l-lejl kollu jewden, m'għalaqx għajnejh xifer ma' xifer u minn fommu ħarġulu kliem li aktar minn terremot iregħdu din is-sala.

SAL. Hija marid ħafna u m'għandux ħajja twila. *(Erodi jbexxaq għajnejh).* Issa però li x-xemx firxet ir-raġġi tagħha fuq Monte Carmelo donnha qabditu ngħasa ħelwa.

ALEX. Alla ta' Abram iseddqu fil-qawwa.

SAL. Ftit fwieħa tal-Monte Lebano jgħamlulu tajjeb. *(Tqum u malli tixħet xi trab ġo važett tal-fidda li jinsab taħt il-ħoġor tat-tieqa jibda ħiereġ id-duħħan. Erodi jokrob. Salomè tmur tiġri u tpoġġi fuq is-sodda ta' Erodi).* Hija, dawn il-profumi tal-Lebano ordnati mit-tabib jgħamlulek tajjeb.

ERODI *(Iqum bil-qiegħda fuq is-sodda, iwarrab xuxtu twila minn quddiem għajnejh u bil-ħarsa tiegħu jifli s-sala kollha).* Intom għaddejtu l-lejl tisirgħu miegħi. Grazzi, grazzi. It-Tetrarka Erodi ma jinsiex lil dawk li joffru ħajjithom għal fejqan tiegħu. *(Alexos jersaq ukoll maġenb is-sodda ta' Erodi).*

ALEX. Kollox nagħmel għalik, Sire.

ERODI Inti, oħti martek u ibnek iva, iżda wliedi le!!! *(Iħares bħal tigra fuq il-kuruna tar-rand li hemm fuq l-imħadda tal-ħarir).* Uliedi... Kont naf jiena li huma ma jarawx dik is-siegħa li jpoġġu fuq ġbinhom dik il-kuruna tar-rand minn floki, u t-tobba ta' din il-belt huma kompliċi magħhom. Iżda l-ħolma tiegħi seħħet. Kont għedtilkom jien fil-jum tat-tieġ tagħkom li jien għad inkunu s-Sultan ta' Ġerusalemm, hija tkun l-irsiera tiegħi u wlieda għad iridu jinżlu ibusu l-frenża tad-deheb tal - mantell tiegħi. Oh!!! Fhimtni, Alexos? Irrid li inti tagħti ordni li għada dawn it-tobba li ħallewni mmut bħal kelb jiġu kollha mgħallqin taħt il-loġoġ tal-palazz tiegħi!

ALEX. Imma maħbub kunjatu, kieku tinsa' kollox ma jkunx ta' ġid għal-saħtek?

ERODI Erodi jinsa' lil min bħal lifgħa jpoġġi xufftejh fuq ġbinu? Ġibuli xi ħaġa x'nixrob.

SAL. (*Minn vażett tad-deheb tferragħ ftit likur ġo kalċi tal-fidda u tnewwilulu*). Ixrob, dan jikkalmak.

ERODI (*Iħares lejn il-kalċi*). Oħti, naf li int u żewġek tħobbuni u nista' nixrob bla ma nsib il-mewt maġenbi; imma jien għad inħallaskom ta' kollox. (*Jixrob*). Imma dawk uliedi li taparsi marru jistudjaw fil-belt ta' Ruma, naf jiena x'marru jagħmlu.

ALEX. (*Jieħodlu l-kalċi minn idu*). Dawk iva, minflok ressqulek ma' xufftejk it-tazza tal-konfort biex jarawk fuq riġlejk marru jħejjulek is-sentenza tal-mewt fil-palazz ta' Cesare.

ERODI Inti donnok taf aktar minni?

ALEX. (*Joħroġ pergamena minn ħobbu*). Ha, aqra ftit hawn.

SAL. (*Tmur iġġib il-mużbieħ taż-żejt u turieh jaqra*).

ERODI (*Jiftaħ il-pergamena, jaqra u b'daħqa infernali jgħid*). Oh! Marru jugżawni lil-Cesare li għal xejn b'xejn qtilt lil-ommhom Marianna. U billi jien huwa Tributarju irid li jiena mmur Ruma in persuna biex quddiem is-Senat nagħti kont ta' l-għemil tiegħi. (*Iħabbat il-pergamena ma' l-art u b'rabja ta' tigra jgħid*). Niġi, uliedi, imma biex nisker bid-demm tagħkom!

SAL. (*Bi ħlewwa*). Hija, nitolbok, bħal dan il-mument insa lil-Cesare u lil-uliedek u aħseb biss għall-saħħtek.

ERODI Għandek raġun, Salomè. Alexos ma kienx messu urieni din l-ittra.

ALEX. Hija ittra miktuba minn idejn l-Imperatur stess.

ERODI Iva, jiena qtilt lill-marti, iżda kelli raġunijiet tiegħi. Jiena mmur Ruma imma Cesare jagħti raġun lili... u msejknin uliedi!!!

## It-Tieni Xena

Cingo u ta' qabel

CINGO (*Jidħol raġel iswed minn Antiopia, liebes ilbies ta' lussu kbir, jitfaċċa minn bejn il-purtieri mill-bieb tal-ġenb. Ibaxxi rasu*).

ERODI (*Malli jara lil-Cingo*). X'hemm mill-ġdid, Cingo? X'jixtieq l-irsir fidil tiegħi minn għand is-sid tiegħu, Erodi?

CINGO Verutidio, il-Ġeneral stranjier tal-legjuni Rumana jixtieq ikellmek.

ERODI Il-Ġeneral Verutidio huwa l-ħabib tiegħi partikolari, imma jiena ma nħossnix f'sikti u ma nirċievi lil ħadd. Irrid nibqa' waħdi, fhimtni?

CINGO Dan għidtulu diġà Sire, imma huwa qal li għandu x'jgħidlek ħwejjeġ ta' importanza kbira.

ERODI Tajjeb, ġaladarba inqas dan m'għandu ħniena mit-Tetrarka Erodi, għidlu jgħaddi.

CINGO (*Ibaxxi rasu u joħroġ*).

SAL. Hija, it-tabib ordnalek li titkellem ftit...

ALEX. U li ma tinkwetax ruħek.

ERODI Ma ninkwetax ruħi!! Għidtilkom jien biex teħduni fil-palazz ta' Ġeriko fejn ma narax ħlief ħamiem jittajjar; Imma hawn f'Ġerusalemm fejn eluf ta' xwabel huma ppuntati għal-qalbi!!

## It-Tielet Xena

Verutidio u Erodi, umbgħad Cingo

VERA. (*Jidħol minn fejn ħareġ Cingo, għandu dehra ta' gwerrier kbir, għoli, il-ħarsa tiegħu imqajma fossa kbira tad-djamanti żżejjen il-mantell sabiħ tiegħu. Erodi jippreżentalu idu, il-ġeneral ibus-*

*ha bl-akbar qima. Erodi jagħmel sinjal u Salomè u Alexos joħorġu mix-xena).* Marte fil-gwerra u Apollo fil-paċi jipproteġu l-allejat ta' Cesare. *(Ipoġġi bilqiegħda maġenb is-sodda ta' Erodi).*

ERODI Titwettaq fija x-xewqa tiegħek. Imma għidli, Verutidio, x'affarijiet ta' kbira importanza ġibuk għandi dal-għodu?

VERU. Sultan ta' Ġerusalemm, ħalli s-sodda u insa l-uġiegħ kollu tiegħek. Kun af li s-saltna tiegħek tinsab fil-periklu... u forsi ħajtek ukoll! Waslu fil-belt tliet Slaten Maġi mseħbin ma' kotra kbira ta' sinjuri u rsiera tagħhom, iġmla u iljunfanti. Huma jgħidu li mexxiethom kewkba misterjuża u ġew biex ifittxu l-ġdid Sultan tal-Lhud il-Messija li tkellmu fuqu il-profetti.

ERODI *(Għal dan il-kliem jaqbeż bħal iljun minn fuq is-sodda u jsib ruħu bilwieqfa maġenb Verutidio. Iħabbat tliet taħbitiet b'rabja fuq il-gong. Jidħol Cingo).* Dan l-irsir ħabbni bħal alla tiegħu u jiena ħabbejtu bħal ibni; u ma jgħarafx liġijiet oħra ħlief jaqdi u jobdi l-ordnijiet tiegħi.

CINGO Sire, offrewli deheb u fidda biex inħalli lil Padrun tiegħi, imma jien irrid immut inbus il-libsa tiegħek.

ERODI *(Jitbissem).* Tiswa mitqlek deheb, Cingo. *(Lil Verutidio).* Fejn jinsabu dawn it-tliet Maġi li minnhom kellimtni?

VERU. Sinjur, huma waqqfu it-tined tagħhom ftit ilbogħod mill-palazz ta' David.

ERODI Cingo, iġbor ħamsin suldat u ġiebuli hawn quddiemi dawn is-slaten. *(Cingo joħroġ bil-għaġġla).* Jenħtiġli nsejjaħ ukoll lil-prinċep tas-Saċerdoti, Rifar. Dana mħarreġ tajjeb fix-xjenza

u fil-profeziji u għalhekk ikun jista' jagħtini parir. *(Imur fejn il-bieb u jsejjaħ)*. Alexos!!!

ALEX. *(Jitfaċċa fil-bieb)*. Kunjat...

ERODI Jinsab hawn is-Saċerdot Duttur Rifar?

ALEX. Iva, kunjat, raqad hawn fil-palazz dejjem lest għall-ordnijiet tiegħek.

ERODI Sejjaħlu.

ALEX. *(Isellem u joħroġ)*.

ERODI Inti ħabib tiegħi u ġeneral qalbieni Verutidio, sejjaħ il-leġjuni stranjieri suldati tiegħek u żommhom taħt il-portiċi tal-palazz tiegħi għal dak li jista' jinqala.

VERU. Tkun obdut, Sinjur tiegħi. *(Ibuslu idu u joħroġ)*.

## Ir-Raba' Xena

Erodi waħdu

ERODI *(Meta jsib ruħu waħdu jmur jintefa mitluq fuq is-sodda u jonfoħ nefha ta' barri)*. X'jista' jrid minn għandi dan il-ġdid Sultan tal-Lhud? Ikun gwaj għalieh jekk jaqgħa taħt id-difrejn tiegħi. Dik il-kuruna hija tiegħi u ħażin għalieh min iħares lejha bl-għira, bit-tir li jieħodielhi, minn fuq rasi. *(Jidħaq satanikament)*.

## Il-Ħames Xena

Cingo u Erodi

CINGO *(Jidħol)*.

ERODI Cingo, diġà ġejt? Għamilt li għidtlek?

CINGO Ħamsin suldat armati bil-vleġeġ jinsabu mdawrin mal-palazz tiegħek.

ERODI Hekk malajr?

CINGO Ma' daqxejn ta' sinjal ta' tromba.

ERODI Fejn huma dawk l-istranjieri?

CINGO Siegħa oħra jkunu wara l-bieb tal-palazz tiegħek.

ERODI Għandhom ħafna nies magħhom?

CINGO Iva, imma s-suldati u l-irsiera tiegħek huma biżżejjed għall-qirda tagħhom.

ERODI Taf minn fejn ġejjin?

CINGO Tnejn minnhom ġew mill-Persja u minn Selencia u l-ieħor mill-Indja Orjentali.

ERODI *(Imur iħares mit-tieqa).* Hawnhekk m'aħniex f'Ruma, imma qegħdin fil-Galilea. Jiena huwa t-Tetrarka ta' Ġerusalemm u ħadd ma jista' iżommni li ma nikkastigax lil min jgħolli spallejh quddiemi. *(Jibda jippassiġġa mas-sala donnu tigra. Cingo jibqa wieqaf bħal statwa.).*

## Is-Sitt Xena

Alexos, Rifar, u ta' qabel

ALEX. *(Jerfa l-purtieri tqal tal-bieb. Erodi għal dan il-ħoss jinħasad, jaħseb li tfaċċat xi id biex toqtlu. Cingo imidd idejh fuq l-istallet. Jidħol Alexos).* Il-Prinċep tas-Saċerdoti, Rifar. *(Cingo joħroġ).*

ERODI *(Ibiddel is-sfurija ta' wiċċu ma' tbissima).* Illustrissimu għaref u qaddis saċerdot li tispjega il-profeziji tal-Kotba Mqaddsa, jiena bgħat għalik għaliex jien ukoll segwaċi ta' Mosè u bħala tali jien ukoll irrid nagħti qima 'l Alla. Għalhekk taf tgħidli fejn għandu jitwieled il-Messija?

RIFAR Il-profeziji, Sire, jitkellmu ċar. Il-Messija għandu jitwieled f'Betlemm, belt tal-Ġudea.

ERODI *(Għal-mument jibqa' sieket).*

RIFAR Hekku, Sire, preċis kif għadek kemm għidt int. Il-Liġi Mqaddsa ta' Mosè għandha d-dritt għalqima tiegħek għaliex hija mgħamulha mhux biss għalina is-saċerdoti, iżda wkoll għas-slaten taddinja kollha, u ġaladarba inti sejjaħtli biex ngħarrfek għandi ngħidlek li ninsabu fiż-żmien li ħabbru l-profeti. Waslet il-miġja tal-Messija, u fix-xefaq tal-Palestina diġà qegħdin jidhru r-raġġi ta' għodwa tal-ħelsien tat-tnax il-tribù ta' Israeli. Il-kewkba ta' Ġakobb ħarġet tiddi għal għajn ix-xemx.

ERODI *(Wara li xtarr tajjeb il-kliem ta' Rifar).* Grazzi, għaref Duttur. Inti qtajtli xewqa li kienet ilha żmien bħal toqol fuq qalbi. Jèhovah itemm ixxewqat tiegħek. Issa tista' tmur.

RIFAR Prinċep, jien huwa s-sudditu tiegħek, ikkmanda u jiena nobdi dejjem sakemm ma jiġix fost ilbnedmin l-Imwiegħed Messija. *(Joħroġ ma' Alexos).*

## Is-Seba' Xena

Erodi waħdu, umbagħad Cingo

ERODI *(Ma' dan l-aħħar kliem jagħti daqqa ta' ponn fuq il-mejda b'rabja kbira).* "Diġà qegħdin jidhru r-raġġi tal-għodwa tal-ħelsien". Jiena mil-lum il-quddiem ninsab ikkundannat biex noħlom iddelitti tiegħi. Id-demm glorjuż, innoċenti tal-Makkabej; id-demm ta' marti. Id-dinja kkundannatni bħala qattiel, assassin!! Sikwit jgħaddu d-dellijiet minn quddiemi tal-vittmi tiegħi u nistħajjilhom jisħtuni! Min sejjer jeħlisni? Alla ta' Mosè żgur li le. Id-driegħ tal-Mulej

nieżel fuqi bis-saħta kollha Tiegħu!!! *(Imur jinxteħet fuq is-sodda donnu mejjet).*

CINGO *(Jidħol u jmur fuq Erodi).* **Sinjur tiegħi!!** Harġet xniegħa u qiegħda tiġri bħal sajjetta minn fomm għal ieħor li inti ġejt assassinat!!! L-għedewwa qegħdin jagħmlu festa, jidħqu daħq ta' l-indannati u jgħidu: "Fl-aħħar ġejna ħelsin mit-tirann Erodi!"

ERODI *(Fgat bir-rabja).* Vili!!! Wara li bnejtilhom it-tempju... is-sinedriju l-ġdid tas-saċerdoti, għamiltilhom ġibjuni kbar biex ma jmutux bil-għatx, imlejtilhom l-imħażen bil-qamħ biex ma jmutux bil-ġuħ. Imma jien għadni ħaj u l-Iljun tal-Ġudea għad irid jixxarrab fi xmara ta' demm tal-għedewwa tiegħu!!!

CINGO Sinjur tiegħi, taf li jien qiegħed ngħix għalik biss? Nitolbok bħal dan il-mument fittex li tinħeba... qis ruħek li inti mejjet.

ERODI Għidtli li hemm is-suldati tiegħi mdawrin mal-palazz?

CINGO Iva, imma inti ma tafx, Sire... popolazzjoni kbira ġejja bħan-nemel minn kullimkien u jekk jiġu jafu li għadek ħaj?

ERODI Għadni niflaħ nurihom il-qawwa tiegħi.

CINGO Imma hemm qawwa akbar mill-kotra tal-għedewwa. *(Minn barra jinstema' għajjat ta' l-indannati).* "Wasal il-jum tal-ħelsien!!! Viva l-imwieled Messija Sultan tal-Lhud!!!".

ERODI Fidil tiegħi Cingo, jiena mmur ninħeba, imma lil dawk is-slaten irrid narahom, irrid inkellimhom.

CINGO Ikun dak li trid int. *(L-agħa tal-poplu ta' barra terġa' tinstema').* Immorru. Sire. *(Jaqbad lil-Erodi minn driegħu u jiġbdu ġewwa).*

## It-Tmien Xena

Verutidio u Antipater

ANTI. *(Jidħol, żgħażugħ fuq ruħu, laħmu bajdani, delikatissimu, xagħru żbul id-deheb imxabbat fuq għonqu, għajnejh ċelesti, statura proporzjonata kemm jista' jkun, leħnu aktarx tenorili. Ilbies tiegħu huwa ta' Prinċep. Warajh Verutidio).* Ġeneral Verutidio, imma għidli, ikun qatt veru? It-Tetrarka Erodi, missieri ġie assassinat?

VERU. Din l-aħbar hija fuq xufftejn kulħadd. Dan bilfors li ssuċċieda fi ftit żmien, għaliex ftit ilu kont qiegħed nitkellem miegħu.

ANTI. Sa fl-aħħar nista' nieħu n-nifs. Nista' niftaħ ittwieqi ta' dan il-palazz u bil-ferħ fuq ħaddejja nixħed il-bewsa ta' mħabba lill-maħbuba ommi. *(Jitfa' bewsa mit-tieqa b'idu).*

VERU. Dan huwa l-fjur li ser tpoġġi fuq qabar missierek?

ANTI. Ħija l-kbir Archelao kien telaq għal Ruma u ħadd ma jaf jekk għadux ħaj. Għaldaqstant, jiena Antipater, it-tieni tifel ta' Erodi u dik il-kuruna tar-rand tmiss lili u dawk is-suldati li hemm imdawrin mal-palazz għada jridu jinżlu jbusu riġlejja biex jobduni.

VERU. L-ewwel darba fil-ħajja tiegħi li rajt iben jifraħ bil-mewt ta' missieru.

ANTI. Għandek raġun, ġeneral Ruman. Ħalli nirrakontalek l-istorja fil-qosor. Missieri twieled fit-Turkija Asiatika. U kif kienet tirrakonta ommi, mat-twelid tiegħu għamel terremot li kexkex innatura! Meta kien għad għandu 25 sena kien diġà magħruf għal iskandli u d-delitti. Bil-qerq tiegħu laħaq gvernatur tal-Galilea, imma dan

kien ftit wisq għalih. Is-suppervja tiegħu kienet tixtieq kuruna ta' Sultan, u biex ipoġġi din il-kuruna fuq rasu kien lest biex jagħmel kwalunkwe delitt... ukoll jekk jgħaddi minn fuq il-katavri ta' ħuh u ta' missieru!!

Veru. U dan jissejjaħ bniedem raġunevoli li jrid imexxi poplu?

Anti. Harab minn Adumea, għadda mill-Eġittu, għamel ħabib mas-Sultana Cleopatra, din irrakommandatu lill-Marc'Antonio u Cesare mas-Senat ta' Ruma laħħquh Tetrarka ta' Ġerusalemm wara l-mewt ta' missieru Antipater u hekk sar irsir ta' Ruma.

Veru. Dan ifisser li int ħadt l-isem tan-nannu tiegħek?

Anti. Hekku. Il-krudil missieri wara li ommi Marianna ġiebet erbgħat itfal fid-dinja, — jien it-tieni fosthom — permezz ta' l-irsir tiegħu Cingo assassinaha u ħadd ma jaf fejn huwa l-katavru tagħha. Jiena li tant kont inħobbha, appellajt quddiem Cesare biex issir ġustizzja. U issa Erodi l-Kbir, missieri, kien qiegħed iżomm ix-xabla mdendla f'ħajta fuq rasi. Imma l-ġustizzja saret mid-driegħ ta' Abram.

Veru. Imma issa nitolbok insa kollox u fittex il-katavru ta' missierek u ħu ħsieb agħmillu funeral kif jixraq lis-Sultan. Madankollu, jiena kont wieħed mill-ħbieb tiegħu.

Anti. Mhux funeral, iżda f'dan il-palazz irrid li niċċelebraw festa kbira bħala ringrazzjament li Ġerusalemm ħelset mill-qattiel!! *(Fil-ħin jinstema' daqq ta' Arpa minn ġewwa).*

Veru. Dan id-daqq f'mument ta' luttu bħal dan?

Anti. Din hija marti, Enoè, li għal missieri kont inżommha f'dan il-palazz bħala irsira tiegħi għa-

liex qatt ma ried jagħtini l-kunsens li niżżewwiġa u jiena iżżewwiġtha bil-moħbi tiegħu. Imma issa li jien huwa l-padrun ta' dan il-palazz u ma jonqosx ħlief il-kelma, tas-Senat ta' Ruma biex jiena nkun it-Tetrarka tal-Ġudea. Għalhekk nista' nippreżentalek lil Enoè bħala marti, futura Sultana tal-poplu Lhudi. *(Isaffar tisfira u għal din it-tisfira l-mużika tieqaf).*

### Id-Disa' Xena

Enoè, Antipater u Verutidio

ENOE' *(Tidħol, mara ta' 24 sena, l-aktar sabiħa fost innisa Lhud. Wiċċha moħbi taħt velu, liebsa rikkament, bajda u ħamra qisha ħawħa, ma jonqsux imsielet, brazzuletti u djamanti ma' ġbinha u fuq il-mantell li jgħattiha).*

ANTI. Enoè, neħħi dak il-velu minn fuq wiċċek. Irrid li l-ġeneral Verutidio jara l-ġmiel tiegħek.

ENOE' *(Tneħħi l-velu minn fuq wiċċha u tidher qisha madonna tal-kina).*

VERU. Is-sliem għalik, ċkejkna Sultana. *(Ibusilha idejha).* L-allat jipproteġu l-ġmiel tiegħek.

ENOE' Jidhirli li rajtek darb'oħra f'Ġerico. Jiena kont maġenb ix-xmara tal-Ġurdan nitgħaxxaq bl-ilma iċekċek mal-blat u ngħanni fuq l-arpa tiegħi, inti ma' l-eżerċitu ta' suldati Rumani bl-elmijiet ileqqu għal-għajn ix-xemx donnhom fidda waqqaftni u staqsejtni minn fejn tgħaddi għalpalazz ta' Erodi.

VERU. Niftakar, iżda inti kellek il-velu jgħattilek il-ġmiel ta' wiċċek, bħal-lum.

ENOE' Iva. Imma aqtgħali l-kurżità, għaliex tajtni l-isem ta' Sultana? Jiena m'iniex ħlief l-irsira ta' Antipater, bin Erodi l-Kbir.

VERU. Milli qiegħed nara, int għadek ma tafx bil-ġrajjiet ta' dal-għodu. Antipater, imiss lilek li tirrakontalha.

ANTI. Maħbuba tiegħi, Enoè!! Spiċċa ż-żmien li inti tidher bħala rsira tiegħi. Minn issa 'l quddiem, il-Ġudea bi ħġara tagħtik qima bħala marti.

ENOE' Ma nista' nifhem xejn.

ANTI. Mur aqbad l-arpa f'idejk u doqq li jisimgħuk mill-Ġurdan sal-għolja tal-Carmelo, għaliex Erodi l-kbir, missieri, it-tirann ta' Ġerusalemm ħallas id-dejn tiegħu.

ENOE' Antipater!!!

ANTI. Assassinawh!!! Missieri! Mejjet!!!...

ENOE' *(Tgħatti wiċċha b'idejha)*. Kont nistenniha. Kbar huma d-delitti tiegħu!! Imma l-katavru tiegħu? Immorru naraw. *(Tkun sejra. Filwaqt tinstema' daqq ta' tromba u Antipater iżommha)*.

VERU. Sinjuri, id-dmir tiegħi qiegħed isejjaħli band' oħra. Nerġa' narakom. *(Jitlaq ħafif)*.

ANTI. *(Jinfired minn Enoè u jieqaf jammira l-ġmiel ta' wiċċha)*. Maħbuba marti, Enoè, ħalli lil-mejtin mal-mejtin. Taf kemm sofrejna. Għadni qatt ma stajt insejjaħlek marti quddiem missieri, imma mil-lum 'il quddiem irrid nisma' leħnek u bħal sirena tal-baħar nissaħħar bi ġmielek u bil-għana tiegħek fuq dik l-arpa tad-deheb.

ENOE' Antipater, hekk rajtek dejjem fil-ħolm tiegħi: sabiħ daqs kerubim, ferħan bħal dawk l-għasafar li jinżlu jixorbu l-għasel mill-fjuri, b'mantell mil-lewn il-porpra miksi bil-ġawhar u b'kuruna fuq rasek tleqq għal-għajn ix-xemx u qtajja ta' nies jadurawk.

ANTI. Il-ħolm tiegħek ra l-għodwa glorjuża ta' sbieħ il-ferħ! Mur ġib ix-xorb ħalli nagħmlu brindisi fuq id-demm li għadu sħun ta' dak li sinn ix-xabla għall qerda tagħna. Missieri kien jobgħodna, imma x-xemx tal-lum ma rahiex tiela' minn xefaq il-baħar biex iddawwal il-libsa kburija tiegħu. Huwa x'imkien f'dan il-palazz jinsab mgħarraq f'demmu. *(Erodi minn bejn il-purtieri tqal tal-bieb joħroġ rasu u jilmaħ lit-tnejn iħabbtu t-tazza tax-xorb li ġiebet Enoè).*

## L-Aħħar Xena

Erodi u ta' qabel, umbagħad Cingo

ANTI. Ixrob sabiħa tiegħi, bis-saħħa ta' dak id-driegħ li qatel lil missieri. *(Filwaqt li sejrin ipoġġu it-tazza ma xufftejhom biex jixorbu).*

ERODI *(Jidħol fuqhom bħal tigra feroċi).* Missierek għadu ħaj biex bid-demm tiegħek u ta' l-irsira Enoè jimla' l-kalċi tal-pjaċiri tiegħu. *(Jagħmel sinjal u jidħol Cingo).* Cingo, il-lejla, meta s-sema tkun tħammar b'inżul ix-xemx, agħmel li l-art tħammar bid-demm ta' dawn iż-żewġ klieb!! *(Cingo joħroġ l-istallet u jersaq maġenb Antipater).*

ANTI. *(Bi ħniena).* Enoè, ma nitpaxxix aktar bil-ġmiel ta' wiċċek. Niltaqgħu fi ħdan Abram. *(Jgħannaq lil Enoè, Cingo dritt bħal xema' maġenbhom għal ordni u Erodi bit-tbissima fuq wiċċu jgawdi ir-rebħa tiegħu.)*

*Bil-mod il-mod Tingħalaq il-Purtiera*

TMIEM TA' L-EWWEL ATT

## PROLOGU

Ix-Xena tkun purtiera fil-proxeniku. Xejn fuq il-palk.

### Il-Prologu waħdu

PROL. *(Malli tinfetaħ il-purtiera, jidher kif deher fil-bidu fil-proxeniku bit-tieni purtiera magħluqa. Ix-xena hija vojta għal kollox).* Agħnnu, għasafar ħelwin minn fuq il-quċċata tas-siġar tal-Libano, fejn għandkom il-bejtiet taż-żgħar, agħnnu u iftħu ġwinħajkom għaż-żiffa ħelwa tas-sbieħ. Ward ta' Ġerico, ixħtu l-fwieħa tagħkom fuq il-għolja tal-Carmelo. Ġilji ta' Zabulon vjoli tal-Ġurdan, fewħu l-art u s-Sema, għaliex fuqkom niżlet in-nida tas-saħħa. Qatt ma ħasset din il-fwieħa l-art imbierka ta' Betlemm, qatt is-Sema ma sellem l-art tiegħek b'dik it-tbissima hekk ħelwa, il-Palestina qatt ma rat jum sabiħ bħal sbieħ dina l-għodwa! Imma x'inhu li ġara? Nisa tal-Ġudea imxarrbin mill-Baħar l-Aħmar, fejn intkom sejrin hekk ferħana b'dawk it-trabi fuq sidirkom? U filwaqt li jmmiddu l-pass fuq l-art ta' Israeli u naqbdu t-triq għall-belt ta' David, nisimgħu l-leħen ta' l-anġli jgħidulna: *(Jistema' għana ta' l-anġli li dejjem joqrob u l-Prologu joħroġ. Għal ftit tingħalaq il-purtiera l-kbira, u wara ftit minuti terġa' tinfetaħ).*

### It-Tieni Kwadru

Ix-Xena tkun bħal l-ewwel kwadru fuq il-proxeniku. Xejn fuq il-palk.

## L-Ewwel Xena

L-Anġlu Gabriel u t-tliet Maġi

GAB. *(Jidħol u l-mużika tieqaf)*. Bnedmin li tajtu widen għall-profeziji, iftħu għajnejkom biex taraw m'hux id-dija tal-kewkba li wasslitkom fuq din l-art imbierka ta' Ġerusalemm, imma biex taraw l-imwiegħed Messija. *(It-tliet Slaten Maġi jidħlu in xena liebsin kif insibu fl-istorja u jinxteħtu għarrkupptejhom quddiem l-Anġlu)*.

MEL. Minn fejn ġej dan il-leħen? Dan mhux leħen il-bnedmin, iżda ġej mill-għoli tas-Sema!

GAB. Isimgħuni, bnedmin tal-Mulej!!

GASP. Leħen Divin, jekk inti ġej mis-Sema, tkellem u aħna nisimgħuk.

GAB. Slaten ta' l-Orjent, jiena li qiegħed inkellimkom huwa l-anġlu tas-Sinjur li ġejt inħabbar lill-bnedmin ta' rieda tajba t-Twelid ta' Ġesù Bambin, u r-rgħajja ta' Betlemm jinsabu diġà fil-għar fejn jinsab il-Feddej. Iżda araw ngħidil-kom: morru qabel agħmlu żjara lill-Erodi, iżda meta taraw il-Messijja terġgħux tmorru lura għand Erodi imma ħudu t-triq għal-pajjiżkom.

BALD. Anġlu tal-Mulej, tista' tgħidilna għaliex?

GAB. Għaliex malli Erodi sema' bit-twelid ta' Ġesù Bambin li għad irid ikun is-Sultan tas-Slaten, huwa intela' bil-għira u qiegħed ifittxu għall-mewt. Agħmlu dan b'rieda t'Alla, Ma ngħidil-kom xejn iżjed. Tkun glorja 'l Alla u paċi għali-kom. *(Joħroġ. Il-Maġi jqumu bil-wieqfa)*.

MEL. Jien inħossni nirtogħod bħal werqa fir-riħ! It-Tetrarka Erodi ifittex għall-mewt lil Dak li ġie fid-dinja biex jifdi lill-bnedmin!!!

GASP. Tajjeb, ejjew qabel ma mmorru naduraw lil Ġesù, nagħmlu żjara lis - Sultan tal - Ġudea, imma...

BALD. Imma jekk qatt jiftillu juża l-forza fuqna, kif għandna nġibu ruħna ma' dak it-tirann?

MEL. Kif Alla ta' Israel bgħatilna l-kewkba biex tmexxina, hekk l-anġli t'Alla jħarsu l-passi tagħna.

GASP. Qabel ruħi tgħaddi għad-dinja l-oħra, nixtieq li għajnejja jaraw lil Ġesù Bambin u lil Verġni Marija.

BALD. Ninsabu ftit bogħod mill-palazz ta' Erodi, naqbdu l-iġmla u fi ftit żmien insibu ruħna hemm. Immorru. *(Huma u ħerġin tingħalaq il-purtiera l-kbira, u wara ftit minuti terġa' tinfetaħ).*

## IT-TIENI ATT

Ix-Xena tkun dejjem fil-palazz ta' Erodi. Kollox bħal l-ewwel att. Mill-ewwel att għat-tieni għaddiet fuq siegħa. Ix-xemx telgħet sewwa.

### L-Ewwel Xena

Antipater u Enoè

ANTI. *(Joħroġ minn bejn il-kwinti, jiġbed minn idejha lill-Enoè).* Isa, Enoè, naħarbu, ma nitilfux minuta!

ENOE' Barra hemm is-suldati...

ANTI. Is-suldati huma magħna, huma stess iqabbduna t-triq għal-ħelsien!

ENOE' L-Imwieled Messija jipproteġina. *(Jinstema' leħen Erodi minn ġewwa).*

ANTI. Biżżejjed il-kliem! *(Ikaxkar lill-Enoè 'l-barra).*

### It-Tieni Xena

Erodi u Cingo

ERODI *(Jidħol imriegħex għall-aħħar).* Cingo!!!

CINGO *(Jidħol kollu mbeżża').*

ERODI Idħol, idħol, tibża' xejn, ja fidil Cingo. Jekk dawk iż-żewġ bċieċen il-lum ħarbu minn taħt il-ħabel tal-forka, għada jgħaddu minn taħt il-ponta tax-xabla u b'rashom irrid nagħmel żewġ imsiebaħ taż-żejt u ndendilhom mas-sodda tiegħi. *(Jidħaq).* Imma bħal issa hemm affarijiet oħra fin-nofs, li jinteressawni. Dawk it-tliet stranjieri...

## It-Tielet Xena

Alexos u ta' qabel

ALEX. *(Jidħol)*. Kunjat, inti dispost li tilqa' lil dawk it-tliet slaten Maġi li ġew mill-Orjent?

ERODI Lilhom biss qiegħed nistenna. Mur għidilhom jgħaddu. *(Alexos joħroġ)*. Cingo, mur fil-bejta tiegħek. Jekk ikolli bżonnok, insejjaħlek.

CINGO Aħfirli, imma għajnejja ma jarawx l-ommi u l-missieri jekk ma nagħtikx f'idejk mill-ġdid lil ibnek, Antipater. *(Joħroġ)*.

ERODI *(Imur iħares mit-tieqa)*. Forsi dan huwa l-bniedem waħdani li baqa' jħobbni fil-Palestina kollha. Issa inħejju ruħna biex nilqgħu lill-istranjieri. *(Imur jieħu l-kuruna tar-rand minn fuq il-mejda u jpoġġiha fuq rasu, jirranġa xagħru u l-mantell u jieħu qagħda ta' l-akbar Sultan, jikkalma u jfittex li jilbes il-libsa ta' l-ipokrisija, jagħmel ta' bir-ruħu li qatt ma ġralu xejn, li saħansitra jilbes ukoll il-maskra tat-tbissima fuq wiċċu)*. Għaddew diġà 37 sena li rċevejt f'Ruma fil-Campidoglio din il-kuruna biex inkun il-Kap tal-Ġudea, u issa daqxejn ta' tfajjel kif xerrudha msejjaħ il-Messija jrid iwaqqagħhieli minn fuq rasi. *(Jidħaq)*.

## Ir-Raba' Xena

Alexos, Melchiorre, Gaspare,
Baldassere u Erodi
li baqa' lest biex jilqagħhom

ALEX. *(Jidħol jippreżenta)*. In-nobbli sinjuri ġew jagħtu l-ewwel qima lilek. Dan huwa l-kunjatu tiegħi, Tetrarka Erodi. *(Isellem u joħroġ. Il-Maġi jixħtu idejhom fuq sidirhom, għamla ta' salib u jbaxxu rashom b'tislima ta' rispett)*.

ERODI *(Bi ħlewwa falza)*. Għaddu, eċċelsi Sinjuri u poġġu bilqegħda. *(Il-Maġi jpoġġu)*. Naf li intkom ġejtu fis-saltna tiegħi biex tfiċċu s-Sultan li għadu kemm twieled. Jien insellmilkom u lest biex inżommkom fil-palazz tiegħi. *(It-tliet Maġi jqumu jagħmlu reverenza b'rashom quddiem Erodi u jerġgħu jpoġġu bilqegħda)*.

MEL. Sinjur, aħna li kellna l-unur li niġu ppreżentati quddiem il-Majestà tiegħek, nawgurawlek ħajja twila u li saltnatek tkun sensiela ta' ward u żagħar.

GASP. Il-paċi tkun miegħek u Alla jseddqek fil-ġid.

BALD. U nawgurawlek li dik il-kuruna tar-rand ma tidbiel qatt fuq rasek.

ERODI Ikun dak li xtaqtuli bil-qalb. Issa nitlobkom tgħiduli x'inhu l-iskop li ġiebkom għandi, cioè nixtieq naf minn fejn ġejjin u għal fejn ġejtu taraw dan l-imsejken bniedem marid?

MEL. Aħna ġejjin mit-trufijiet ta' l-Orjent, ġejjin minn familja nobbli u litterati. Missierijietna għal żmien twil kellhom bħala kap tagħhom lil profeta Daniel, għalhekk il-poplu tagħna jemmen fid-Divina Skrittura li aħna ngħallmuh.

GASP. Għaldaqstant aħna l-aktar nies li nemmnu fil-profeziji.

ERODI U liema profeziji? Nisimgħu.

BALD. Profezija li tiżboq lill-oħrajn kollha u li l-aktar tinteressana hija dik li tħabbar il-Miġja tal-Messija; jiġifieri futur Sultan tal-Ġudea.

ERODI *(Imbaqbaq, jgħid waħdu)*. Is-Sultan tal-Ġudea huwa jien.

MEL. U għalhekk malli aħna ġejna nafu li l-Messija ġie fid-dinja, deħritilna kewkba fis-Sema bix-xuxa twila u mexxietna mix-xtajta tat-Tigri

ghal-Gudea, iżda dan is-Sultan għadna ma rajnihx...

Gasp. Għalhekk aħna nkunu ffortunati jekk insibuh u noffrulu d-doni li ġibna magħna. Imma malli meddejna riġlejna fuq din l-art imbierka, il-kewkba għebet minn quddiem għajnejna u tlifna t-triq.

Erodi Allura ġejtu għandi?

Bald. Ġejna appuntu għandek biex jekk jogħġob lil-Majestà tiegħek turina t-triq li twassalna fejn dan is-Sultan Divin li twieled taħt sura ta' Bambin.

Erodi *(Waħdu)*. Jinħtieġ nilbes il - libsa ta' volpi. *(Lilhom)*. Jiena, eċċelsi Sinjuri, nifraħ magħkom li twettqet din il-profezija li kienet tant mixtieqa minnkom, iżda ħalluni nsejħilkom lid-Duttur Rifar. Huwa jaf jgħidilkom aħjar minni. *(Jagħti daqqa fuq it-timpani u jidħol Cingo)*.

## Il-Ħames Xena

Cingo u ta' qabel kollha

Erodi Cingo, dawn is-sinjuri nobbli jixtiequ jafu fejn twieled il-Messija, Sultan ġdid tal-Lhud. Sejjaħli hawn lid-Duttur Rifar.

Cingo *(Isellem u jitlaq)*.

Erodi *(Jinżel lejn il-proxeniku u jgħid waħdu)*. Saħta! Mal-mibegħda tal-poplu kien jonqos din l-aħbar. Ngħidilhom fejn twieled il-Messija Sultan tal-Lhud...

## Is-Sitt Xena

Rifar u ta' qabel

RIFAR *(Jidħol u jagħmel reverenza).* Hekku l-qaddej tiegħek, o kbir Tetrarka.

ERODI Saċerdot Rifar, għadhom kemm waslu għandi dawn it-tliet illustri persunaġġi u tinħtieġilna l-opra sapjentissima tiegħek.

RIFAR Nittama li nwieġeb kif tixtiequ għal-mistoqsijiet tagħkom.

ERODI Dawn ġew mill-bogħod taħt id-dawl ta' kewkba sabiħa u jixtiequ jafu fejn twieled il-Messija. Inti diġà urejtni li taf xi ħaġa minn dan is-Sultan il-ġdid tal-Ġudea. Iben t'Alla li għandu jidher fid-dinja taħt sura ta' tarbija biex imexxi l-poplu ta' Jocona?

RIFAR *(Imur quddiem il-Maġi).* Intkom ġejtu biex taraw lil-Messija?

MEL. Iva. Ma narawx dak il-mument li mmorru ninxteħtu għarrkupptejna quddiem il-benniena Tiegħu biex nadurawh.

GASP. Niksuh bil-bews u nieħdu il-barka Tiegħu ġewwa qalbna.

BALD. Ġibna magħna mirra, inċens u deheb biex noffruhomlu bħala Sultan.

RIFAR *(Lil-Erodi).* Sinjur u padrun tiegħi, jiena diġà għidtlek li ninsabu fil-ġimgħa li fiha għandu jiġi l-Iben t'Alla fid-dinja biex jifdi lill-umanità imjassra. Il-Kotba Mqaddsa huma xhieda li l-Messija jinsab diġà taħt ix-xemx ta' Betlemm. Bambin l-aktar ħelu li jiġbed il-qlub ta' kulħadd!

ERODI Allura inti rajtu!!!

RIFAR Jiena qiegħed nitkellem dejjem minn dak li ħabbrulna l-Profetti. Il-Kotba Mqaddsa huma mim-

lijin bl-akbar xhieda u jwegħdu lid-dinja Feddej li għad irid ipatti għad-dnubiet tagħna. Iwegħdu Messija li jkun imsejjaħ Kristu, Bin Alla ħaj.

ERODI Imma inti qiegħed tisturdini. Fuq liema kotba sibt miktubin dawn il-wegħdiet, dawn il-profeziji? Nista' nkun naf?

RIFAR Tkellem Alla b'fommu stess fil-ktieb tal-Ġenesi meta fl-Eden tkellem mas-serpent u qallu: "Jiena inqiegħed firda bejnek u bejn il-mara magħżula, bejn iż-żerriegħa tiegħek u tagħha", u appuntu minn din iż-żerriegħa ta' din il-Mara jiġġenera l-Messija li jisħaq taħt riġlejh il-qawwa tad-demonju u jaqta l-ktajjen ta' min jinsab fil-jasar.

ERODI Ikun qatt veru?!!...

RIFAR Fil-Kap 12 tal-Ġenesi, is-Sinjur Alla jissokta jgħid lil-Patrijarka Abram: "Fik jkunu mberkin il-ġnus kollha". Alla kien qiegħed jgħid għal miġja tal-Messija u Kristu ġie u jinsab qalb ir-rgħajja ta' Betlemm.

MEL. Immorru nadurawh.

GASP. Tetrarka Erodi, nizzikhajr mill-għajnuna li tajtna biex insibu l-Imwiegħed Messija.

BALD. Nagħmlulek wegħdiet ta' qima kbira.

RIFAR Jien irrid niġi magħkom biex nurikom it-triq li tieħodkom għall Betlemm u nara b'għajnejja...

ERODI *(Imħawwad għal-aħħar)*. Imma. għorrief tal-Persja, għaliex qabel ma tgħaddux xi erbat ijiem fil-palazz tiegħi milli qagħdtu twaqqfu l-kampijiet tagħkom taħt il-loġoġ imġarrfin tas-Sultan tal-Kantiċi?

MEL. Alla, il-Pellegrin tas-Sema għandu t-tinda tiegħu fix-xemx. Aħna, umli pellegrini ta' l-art,

waqqafna t-tined tagħna qalb il-ħerba tal-palazz ta' David għaliex minn dan in-nisel kellu jitwieled il-Feddej ta' Israeli.

ERODI U kif qatt ħadtu dan l-interess kollu għal nies stranjiera għalikom?

GASP. Dak li ħabbru l-Profeti jinteressa lil kulħadd.

ERODI Allura biex ħallejtu pajjiżkom u ġejtu minn dak il-bogħod kollu bilfors li kellkom... irrid ngħid ħabbarkom xi oraklu?

BALD. Il-Profetta Balam kien ipprofetizza li: "Tidher kewkba fis-Sema li għada qatt ma dehret li tħabbar it-twelid tas-Sultan tal-ġnus li l-bandiera tiegħu għandha tperper u tittrijonfa mill-Orjent sa l-Oċċident, min-Nofs in-nhar sat-Tramuntana".

ERODI U din il-kewkba intkom rajtuha u mxejtu magħha?

MEL. Kienet hi li dawlitilna t-triq.

ERODI Għandi nemmen? Madankollu, il-fidi ma tonqosnix.

GASP. Mela temmen f'din il-kewkba, mhux tassew, Sire?

ERODI Qabel ma titilqu, agħmluli pjaċir u uruni n-naħa ta' fejn dehret din il-kewkba. Jinħtieġ li naraha jien ukoll.

BALD. Haġa impossibbli għaliex għebet malli dħalna f'din il-Belt ta' Ġerusalemm.

ERODI Għidtuli li lil dan il-ġdid Sultan ġibtulu xi riġali?

MEL. Ġibna deheb fin ta' Nineve, inċens u mirra sinjal u dehen tas-Saltna tiegħu.

ERODI Jiena nammira l-qima u l-fidi tagħkom. *(Dejjem b'ħażen)*. Tajjeb, għorrief tal-Caldea, morru

staqsu u meta ssibu din it-tarbija, erġgħu għaddu minn għandi u għiduli fejn jinsab dan il-Messija biex jien ukoll niġi nadurah bħala Feddej mibgħut minn Alla.

MAĠI Il-paċi miegħek, Sultan tal-Ġudea. *(It-tliet Maġi wieħed wara l-ieħor ibusulu idu).*

ERODI U magħkom il-ġid u l-hena. *(It-tliet Maġi u Rifar ibaxxu rashom u joħorġu. Erodi jakkumpanjhom bil-ħarsa u imbagħad bħal sparatura ta' sajjetta jgħid:)* Morru offru r-rigali tagħkom. Imma il dak li qegħdin tagħmluh b'Sultan tagħkom m'għandux żmien twil quddiemu għaliex minflok il-kuruna tad-deheb fuq rasu jkollu l-lexxuna!! Jekk mhux ħaġ'oħra minn dawn il-Maġi sejjer inkun naf fejn twieled dan il-Messija. X'rabja! Inħoss qalbi tinqasam!! Dan ifisser li jiena jkolli ninżel minn fuq is-siġġu tiegħi. Imma x'isservini din ir-rabja kollha? Aħjar naħseb kif għandi neħles minn dan l-għadu tiegħi. *(Jibda jippassiġġa ħosbien mas-sala).*

## Is-Seba' Xena

Achiab u Erodi

ACHI. *(Huwa tfajjel ħelu ta' 12-il sena, b'xagħru isfar twil, innukklat, fuq tiegħu, jidħol svelt u jmur fuq Erodi bl-ark imdendel ma' spallejh u vleġġa f'idu. Jaqla' l-vleġġa u l-ark minn spallejh, ipoġġihom x'imkien u jmur fi ħdan Erodi).* Nannu!!

ERODI *(Jgħannaq lil Achiab).* Il-favorit neputi tiegħi! *(Ibusu).*

ACHI. Niżżikħajr 'l alla Marte li sibtek darba waħdek. Imma għidli, maħbub nannu, tixraqli din il-libsa?

ERODI *(Jidħaqlu)*. Donnok wieħed mill-kaptani ta' Cesare. Imma għaliex dawk l-armi tal-gwerra fi żmien il-paċi?

ACHI. Ngħidlek kollox jekk inti ma tinkorlax miegħi.

ERODI Tkellem, Achiab, la tibżax minni. Inti taf li għandi fama li nfissdek aktar milli nfissed lil uliedi. Jiena quddiemek qiesni Sansun quddiem Dalila. *(Jitbissem)*.

ACHI. *(Melliesi)*. Mela għandek tkun taf li minn dak il-mument li tajtni f'idejn l-irsir tiegħek Cingo, jiena sirt il-preferit tiegħu. Il-bieraħ meta rani nitfa' il-vleġeġ għaċ-ċerv u ħallejtu mejjet taħt is-siġra, ġie jgħannaqni u jifraħli bil-progressi li qiegħed nagħmel fil-kaċċa. *(Erodi jibqa' jippassiġġa, indifferenti)*. Imma nannu, ftit u xejn narak tagħti każ ta' dan li qiegħed ngħidlek. Jaqaw dawk it-tliet slaten li għadhom kemm ħarġu mill-palazz tiegħek sqewk xi qatra morra?

ERODI Neputi, għadek ċkejken, iżda moħħok fin bħal ta' nannuk. Dawk it-tliet sinjuri li rajt ħerġin mill-palazz tiegħi ġiebuli aħbar li sejra tkun tarġa' għal-qabar tiegħi. Tifhem għaliex dal-għodu m'għandiex qalb nitkellem? Għaliex ħsiebijiet oħra qegħdin jitturmentawli rasi!!

ACHI. Nann, nann, irid narak ferħan. *(Jagħmel salt u bl-akbar allegrija jiddendel ma' Erodi u jiksieħ bil-bews)*. Kemm inti twajjeb miegħi, nannu!!! Inwegħdek li noqgħod kwiet u nistudja.

ERODI Għadu l-ebda fomm ma qalili din il-kelma ħlief l-irsir tiegħi Cingo. Kieku taf, neputi, kif jien imdawwar bl-għedewwa, imma t-trombi għad iridu jdoqqu għal-glorja tiegħi.

## It-Tmien Xena

Archelao, Achiab u Erodi

ARCH. *(Jidħol. Huwa t-tifel il-kbir ta' Erodi, fil-ġmiel mhux inqas minn ħuh Antipater, liebes rikk kemm jista' jkun).* Sinjur missier tiegħi, inti forsi ma tafx x'inhu li qiegħed jiġri f'din il-belt ta' Ġerusalemm...

ACHI. Missier, qiegħed narak inkwiet... X'aħbar ħażina ġibtlu lin-nannu? *(Tispiċċalu l-allegrija kollha).*

ARCH. Oh, ibni, inti ma tistax tifhem l-importanza ta' ċerti affarijiet...

ERODI Ibni Archelao, minn mindu ġejt minn Ruma, għadni qatt ma rajt tbissima fuq wiċċek.

ARCH. Kif tista' toqgħod ferħan quddiem ġrajjiet bħal dawn?...

ERODI Fissirli xi ħaġa.

ARCH. Mit-torri Antonia sal-wied ta' Ġiosafat, mill-bieb ta' Efraim sat-tempju ta' Sion, instemgħet għajta li tkexkex!... Tliet slaten stranjieri waslu fĠerusalemm u qegħdin ifittxu Sultan tal-Ġudea li għadu kemm twieled, kif jgħidu huma. Min hu dan is-Sultan li jrid jisraqilna l-kuruna?

ERODI Inti bħala ibni l-kbir li wara mewti tidħol f'dan il-palazz bħala sultan biex tmexxi l-poplu Lhudi minfloki għandek raġun tieħodha bi kbira. Imma l-ħolma tal-għedewwa ma jistħoqqlix ħlief il-kastig tiegħi u tal-werriet ta' Erodi li huwa int. Imma jiena diġà għandi l-pjanijiet f'moħħi kif neħilsu minn dan is-Sultan il-ġdid li qegħdin isejjħulu Messija.

ARCH. Jekk inti ma tieħux passi filwaqt, ma tkunx iżjed l-ewwel setgħa li l-art tal-Ġudea li għadha tir-togħod taħt ir-riġel tiegħek.

ERODI Tajjar dan il-biża' kollu minn fuqek Archelao. Inti, neputi, mur malajr ġibli hawn lil Cingo. *(Achiab joħroġ. Jaqbad l-Archelao b'imħabba minn spallejh).* Kif tarani, jiena ma jistax ikolli ħajja twila. Ukoll kieku inti ma kontx il-kbir fost uliedi, il-kuruna ta' rasi kont tiritha l-stess, għaliex Cesare ta' Ruma joqgħod fuq dak li ngħidlu jiena. Hutek huma kollha rinnegati u inti biss għandek qalb għalija. Għalhekk irrid li inti tibqa' hawn miegħi f'Ġerusalemm. It-toqol taż-żmien qiegħed dejjem jgħawwiġni lejn l-art u għandi bżonn ta' driegħ żgħażugħ maġenbi biex tibqa' tiggverna wara mewti. Qabel immut, irrid jiena stess inpoġġilek din il-kuruna tar-rand u dan il-mantell fuq spallejk.

ARCH. Niżżikħajr, sinjur u missier għażiż tiegħi! Nixtieq li ma tasal qatt dik is-siegħa li nara l-katavru ta' missieri nieżel fil-qabar.

ERODI L-allat ta' Cesare jgħannuk bil-ġid. *(Jgħannqu ma' qalbu).* Issa trid tkun taf għaliex bagħat għal Cingo? Dawk it-tliet slaten li kellimtni fuqhom wegħduni li qabel iħallu l-art tal-Palestina għandhom jerġgħu jgħaddu minn hawn biex jgħiduli fejn jinsab il-Messija u malli nkun naf, il-ġeneral Verutidio mas-suldati tiegħu jmorru joqtlu lit - tfal kollha tal - Palestina, dawk li għandhom minn sentejn l-isfel.

ARCH. Idea meraviljuża ta' Erodi l-kbir! Jiena x'għandi nagħmel?

ERODI Int iċċensura l-familji kollha li ma tibqax tarbija ħajja.

ARCH. *(Ferħan).* Sinjur tiegħi tista' tmur torqod fuq l-imħadda tal-ward. Akkost li jkollu jiġri d-demm fil-wied ta' Ċerdon, ix-xewqa tiegħek tkun mitmuma.

ERODI *(Imur iħabbat fuq il-gong żewġ taħbitiet).*

## Id-Disa' Xena

Salomè, Alexos, Archelao u Erodi

ALEX. *(Jidħol quddiem u Salomè warajh)*. Ikkmanda, sinjur.

ERODI Hatni Alexos, inti t-tabib waħdani li baqgħali maġenbi. Il-lum għalija sejra tkun ġurnata tremenda. Fiha l-għedewwa sejrin jikbru bħas-sriep ta' rdum Żabek; għalhekk inti u oħti imxu pass pass miegħi sa sbieħ il-Għid.

ALEX. Il-kura kollha li jista' jkollu tabib hija bħal-balzmu ġewwa vażett tad-deheb dejjem lesta biex tbillek xufftejk.

ERODI Inti x'kura tagħtini għal-marda tiegħi?

ALEX. Nordnalek il-banjijiet tal-Callirhoè.

SAL. Iżda aktar minn kollox li twarrab kull inkwiet. Tinsiex li hawn eluf ta' ponnijiet armati bis-sjuf u bix-xwabel qegħdin ifittxu l-ħajja tiegħek.

ERODI Ikun dak li hemm miktub fid-destin. Imma qatt ma nħalli tarbija tisraqli l-kuruna minn fuq rasi.

ARCH. Le, dan ma jkun qatt. Akkost li d-demm ikollu jxarrab is-sider ta' kull omm li tkun qiegħda tredda lil-binha. Jinħtieġ li jmutu t-trabi kollha.

SAL. *(Li tant ħaditha bi kbira)*. X'inti tgħid, neputi? Din il-krudeltà lanqas fir-rumani ma rajniha.

ARCH. Sejrin narawha l-lum.

SAL. *(Tmur bi ħrara fuq Erodi)*. Sinjur ħija, inti tippermetti dan? Ftakar li jien ukoll omm!!!

ERODI Hija ordni tiegħi.

SAL. Imma x'intkom tgħidu? Qatt ma kontu ommijiet biex tifhmu x'ifisser tara lil ibnek mgħargħar f'demmu mejjet quddiemek!

ARCH. Hemm fin-nofs l-interessi tiegħi.

SAL. Imma jien ukoll omm ta' tarbija.

ERODI Ma hemmx eċċezzjoni. Għal ħadd, għal ħadd!!

SAL. Toqtluli lil-maħbub ibni? Le, anqas jekk naf li noqtlu jiena stess b'idejha, intkom ma toqtluhx.

ALEX. Jien ukoll nipprotesta bil-qawwa! Ibni huwa wkoll neputi tiegħek, Tetrarka Erodi.

ERODI *(Barra minnu nnifsu bir-rabja)*. Barra, barra!! Ma rrid lil ħadd iżommli l-passi tiegħi! Morru intom ukoll ingħaqdu ma' l-għedewwa. *(Jaqbad lil Salomè u lil Alexos u jixkanhom il-barra minn fejn daħlu)*.

### L-Għaxar Xena

Erodi, Archelao, Cingo u Achiab

ACHI. *(Jidħol)*. Il-ħabib tiegħi Cingo jinsab hawn għall-kmandi tat-Tetrarka.

ERODI Cingo, din id-darba sejjer ngħamillek wegħda kbira. Ma hemmx aktar jasar, ma hemmx aktar faqar; jekk taqdini inti tkun il-mexxej tal-palazz tiegħi li għandi f'Ġeriko.

CINGO Cingo qatt ma qal le lis-sinjur tiegħu, inqas quddiem il-mewt.

ERODI *(Idur fuq Archelao)*. Tifhem, ibni?

ARCH. Cingo, jinħtieġ insalvaw is-saltna ta' missieri.

CINGO Għiduli biss x'għandi nagħmel.

ARCH. Imxi miegħi. *(Jaqbad lil Cingo u joħroġ bih)*.

ACHI. Nannu, għaliex ħarġu jiġru Cingo u missieri? Smajtkom tgħidu tant xorti... slaten, Messija, werriet tal-kuruna. Ma nista' nifhem xejn. *(Fil-ħin tinstema' minn barra daqq ta' tromba, ħsejjes ta' armi u mixi ta' żwiemel. Erodi u Achiab imorru maġenb it-tieqa jħarsu)*.

ERODI Il-Ġeneral Ruman Verutidio mas-suldati tiegħu. Neputi, inżel malajr ħdejn il-portiċi u mur għid lil dak il-ġeneral jitla' ftit maġenbi għax għandi bżonn inkellmu.

ACHI. Sejjer, sinjur nannu tiegħi, imma u mbagħad ikollok tgħidli kollox. *(Jitlaq ħafif)*.

ERODI *(Li baqa' jippassiġġa waħdu ħosbien)*. Ibni Antipater ħarabli, oħti u żewġa inkurlati għalija, qtilt lit-tobba kollha. Sejjer nispiċċa biex immut miġnun bħal kelb waħdi. Però jien m'għandix paċenzja noqgħod nistenna lil dawk il-Maġi biex jgħiduli fejn twieled il-Messija. Noqtol lit-tfal kollha, fosthom ikun hemm ukoll il-Kristu Ġesù Bambin.

## L-Aħħar Xena

Erodi, Verutidio u Achiab u mbagħad Salomè

ACHI. Sinjur nannu tiegħi, il-ġeneral Verutidio kien ġej jarak.

VERU. *(Jidħol)*. L-allat jgħanuk bil-ġid kollu, Tetrarka. Inti tmut u titwieled bħal fjuri tal-Campidoglio. *(Achiab joħroġ)*.

ERODI Għadni mimli bil-għomor, għalkemm l-għedewwa għamlu festi kbar. Smajta int ukoll l-aħbar tal-mewt tiegħi?

VERU. U kif!!! Imma malli Cingo tani t-tagħrif tiegħek ġejt niġri biex narak.

ERODI Il-Lhud ħasbu li waslet is-siegħa ta' l-indipendenza tagħhom, għalhekk ħarġuha li assassinawni. Iridu jarawni fallut.

VERU. Difatti f'kull rokna ta' Ġerusalemm, ma tismax ħlief min jitkellem fuq il-miġja tal-Messija.

Jgħidu li twieled f'Betlemm u qegħdin issejħulu Sultan tal-Lhud.

ERODI Hekku, ħabib tiegħi. L-allat bagħtuk hawn. Tinħtieġli l-għajnuna tiegħek... u malajr.

VERU. Il-Ġeneral Ruman bis-suldati tiegħu jinsabu għall-kmandi tiegħek dejjem. Din hija l-ordni tal-gvernatur Ruman.

ERODI Ġeneral, m'hemmx mezz ieħor biex inkun żgur li ħlist minn dan il-Messija ħlief li noqtlu lit-tfal kollha tal-Palestina, dawk ta' minn sentejn l-isfel.

VERU. Hija ħaġa li tkexkex, iżda ġaladarba qiegħed tordnali int... allura?

ERODI Allura ibda minn dan il-mument stess. Eqirdu kull tarbija li tintaqgħu magħha. Lil ibni Archelao u l-irsir tiegħi Cingo issibhom spalla ma' spalla mas-suldati tiegħek biex jagħtuk l-għajnuna.

VERU. U dan għandna nagħmluh bla ebda eċċezzjoni?

ERODI Ukoll jekk ikun neputi tiegħi. Araw li ma jibqa' ebda tifel ħaj minn sentejn l-isfel. Jien huwa s-sultan tal-Ġudea u rrid li l-kuruna tgħaddi għal uliedi u għal ulied uliedi.

VERU. Insellimlek, Tetrarka. *(Isellem militarment u jitlaq).*

ERODI *(Jibqa' waħdu mimli bi ħsieb li jwaħħxu).* L-imperaturi ta' Ruma biex jiċċelebraw il-festi tagħhom kienu jagħtu b'ikel lil-iljuni iġsma tal-bnedmin u għal daqsxejn ta' suspett kienu joqtlu eluf ta' nisa u rġiel ma' uliedhom. U jien biex insalva s-saltna tiegħi ma noqtolx erba' ħrief li għadhom kemm twieldu? *(Minn ġewwa jinstema' twerżiq ta' mara).* X'ikun dan?

SAL. *(Tidħol b'tarbija mkebba f'xall magħfusa ma' qalbha).* Le, ja klieb suldati! Biex toqtlu lil-ibni, l-ewwel tridu tgħaddu minn fuq il-katavru tiegħi! *(Żewġ suldati armati Rumani jidħlu u jmorru għal fuq Salomè).* Lura, qegħdha ngħidil-kom! Dan huwa demmi, ma tmissuħx! *(Lil Erodi).* Hija, jekk jixraqlek dan l-isem... int ma kellekx ħniena minn martek u min uliedek, għall-inqas ikollok ftit tal-ħniena minn din it-tarbija innoċenti! Ftakar li jiena oħtok u dan huwa n-neputi tiegħek. *(Erodi jibqa' ċass, ma jitkel-lem xejn u ma jafx x'jaqbad jagħmel).*

SUL. X'għandna nagħmlu, Sire?

ERODI Naf... l-ordni hija... li ma tagħmlu ebda eċċez-zjoni.

SAL. Anqas ma' oħtok li biex ittawwallek il-ħajja sagħret miegħek iljieli twal tax-Xitwa? Hallejt lil din it-tarbija waħedha kważi qiegħda tmut bil-għatx u bil-bard!! M'għamiltx ħaġ'oħra ħlief sqejt tigra biex umbagħad tiġi tigdimni.

SUL. Sire, id-dmir qiegħed isejħilna band'oħra. Jekk jgħoġbok għidilna x'għandna nagħmlu!!!

ERODI Halluh jgħix. *(Is-suldati jniżżlu l-armi u jpoġġu ix-xabla fi ħżiemhom).*

SAL. *(Tmur tinżel għarrkupptejha quddiem Erodi kważi tibki).* Hija u Sinjur li tmexxi d-destin tal-ġens Lhudi tal-Ġudea, fil-pont tal-mewt tie-għek ma jkollok lil ħadd min ixarrablek xufftejk, għaliex m'għandekx ħlief għedewwa. Imma oħtok lesta biex tmut għalik. *(Erodi jgħatti wiċ-ċu b'idejh, Salomè tibqa' tħares lejh, is-suldati jibqgħu ċassi. Kwadru u tingħalaq il-purtiera).*

TMIEM TAT-TIENI ATT

## PROLOGU

Ix-Xena tkun purtiera fil-proxeniku. Xejn fuq il-palk ħlief banketta.

### Il-Prologu waħdu

PROL. Kienet dik il-lejla ta' qamar kwinta b'sema jsaħħar il-qlub! Fuq l-oqbra ħiemda ta' Sion u ta' Betlemm li rat id-dawl tal-fidwa, kien jissaqqar, il-ħuttaf gwejjed. Imma x'inhu li kiser dik il-paċi f'daqqa waħda? Il-kiefer Erodi ma kellux sabar jara ġejjin lura fil-palazz tiegħu lit-tliet slaten Maġi. Allura ta ordni li jiġu meqruda t-tfal u d-demm ta' l-innoċenti beda jħammar bħal ħuġġieġa tal-ward midbiel oqbra oħra nfetħu biex fihom jingħalqu blanzuni li għadhom ma fetħux. Il-qerda ta' l-innoċenti!!! Ommijiet wiċċhom maħsul bid-dmugħ u missierijiet jitqabdu għall-ħajja ta' uliedhom. Il-Bambin Ġesù ta' ftit xhur imfittex biex joqtuh. Min sejjer isalvah mill-mewt? *(Joħroġ u tingħalaq il-purtiera l-kbira li wara ftit minuti terġa' tinfetaħ).*

### It-Tielet Kwadru

Ix-Xena tkun bħal kwadri l-oħra. Marija Verġni tinsab bil-qiegħda fuq banketta bil-Bambin Ġesù imkebbeb fil-ħrieqi magħfus ma' qalbha. Ġużeppi jinsab bil-wieqfa poġġut ma' bastun qiegħed jikkontempla lil Ġesù.

ĠUŻ. Miriam, kienet tixraqlek it-tislima ta' l-Anġlu għaliex inti tassew imbierka fost in-nisa u imbierk dak il-frott tiegħek, Ġesù! Il-faqar ta' l-għar ta' Betlemm ra lil-Messija u b'dak l-għana ta' l-anġli u ż-żjara tas-Slaten, dak l-għar imbidel fit-tempju ta' Salamun.

MAR. Il-qalb ta' Ġesù magħfusa ma' qalbi tiftaħli quddiemi bieb tad-deheb biex nara ġmiel is-Sema, u

l-hena f'qalbi għaddejja bħal ħalel ta' balzmu l-aktar ifuħ! Imma ajma!! Xi ħsieb qiegħed idallamli moħħi bħal dan il-mument!!

ĠUŻ. Miriam, għidli, il-faqar tagħna forsi?

MAR. Le. Kieku ried, l-Iben t'Alla kien jitwieled f'palazz ta' Sultan. Umbgħad Huwa li libbes dawk il-fjuri hekk sbieħ, isbaħ mil-libsa ta' Salamun u jitma lil dawk l-għasafar li hemm jissaqqru fil-wied mhux sejjer jaħseb fina wkoll? Imma donnu bħal raġġ Divin niżel mis-Sema u donnu jrid jispirani xi ħaġa kbira.

ĠUŻ. Miriam, għidli x'baqgħali nagħmel għalik biex nindukrak mill-għedewwa, biex narak feliċi, biex bħala missier Putattiv ta' Ġesù, bl-għaraq ta' ġbini nġib il-ħobżna ta' kuljum.

MAR. Twajjeb Ġużeppi, inħoss min jgħidli biex inbiddlu dan il-post tal-għaks u l-bard.

ĠUŻ. Għidli int fejn nistgħu mmorru? *(Filwaqt tinstema' mużika traġika u dija kbira ddawwal il-palk).*

GAB. *(Jitfaċċa fuq il-palk u l-mużika tieqaf. Lil Ġużeppi li bħal dan il-mument poġġa jdejh ittnejn u ħalla rasu taqa' fuq idejh donnu rieqed).* Ġużeppi, stenbaħ u qum ħaj fuq riġlejk, aqbad lil Bambin Ġesù u l-Omm Marija u aħrab għall-Eġittu, u ibqgħu hemm sakemm nerġa' niġi nagħtik aħbar oħra. Kun af li Erodi qiegħed ifittex lil Ġesù biex joqtlu.

ĠUŻ. Miriam, smajt int ukoll, il-leħen ta' l-Anġlu. Naħarbu għall-Eġittu.

MAR. Tkun magħmula r-rieda t'Alla. *(Marija tqum u toħroġ bil-Bambin magħfus ma' sidirha. Ġużeppi joħroġ warajha. Tingħalaq il-purtiera l-kbira u wara ftit terġa' tinfetaħ għal l-aħħar att).*

## IT-TIELET ATT

Ix-Xena tkun kollox bħall-atti l-oħra; ma' nżul ix-xemx. Mit-tieni att għat-tielet għaddiet ġimgħa.

### L-Ewwel Xena

Erodi, Cingo u Achiab

ERODI *(Jinsab fuq is-sodda mixħut donnu mejjet, gravament marid. Achiab bilqiegħda maġenb rasu u Cingo bl-imrewħa kbira tar-rix tal-paguni irewwaħlu ħelu ħelu).* Achiab!! Achiab!!

ACHI. Nannu... *(Iqum).*

ERODI Rajthom int ukoll?

ACHI. X'inhuma, nannu?

ERODI Hafna tfal bil - ġwienaħ jittajru ferħanin, umbagħad dawn il-ġwienaħ bdew jaqgħu taħt id-daqqiet tax-xwabel, u f'din il-kamra mill-bieb u mit-twieqi beda dieħel gelgul ta' dmija li kont ser negħreq fih. Allura l-ilħna ta' dawn it-tfal beda jisħetni.

ACHI. *(Iħares skantat lejn Cingo).* Cingo, in-nannu qiegħed jewden.

ERODI *(Taqbdu sogħla kbira).* Xarrbuli xufftejja! Tuni niekol! Tuni nixrob!

ACHI. *(Imur iġib tazza bix-xorb u jpoġġiha ma' xufftejn Erodi).* Din tgħamillek tajjeb, nannu.

ERODI *(Jiftaħ għajnejh donnu tigra).* Intom biss bqajtu maġenb is-sodda tiegħi. Ibni Antipater ħarabli, oħti Salomè u t-tabib żewġha abbandunawni ukoll. U missierek, Achiab?

ACHI. Missieri, wara l-qerda ta' dawk it-trabi donnu iġġennen, ma jistax jorqod, ma jrid jiekol xejn.

ERODI *(Jitbissem)*. Oh! It-twelid tal-Messija, Kristu Sultan tal-Lhud. Ma kinetx ħlief ħolma. *(Jidħaq u bejn id-daħq u bejn is-sogħla jkun sejjer jifga)*.

ACHI. Nannu, ixrob.

ERODI Int ukoll trid tavvelenani?

ACHI. Jiena? Ara... *(Jixrob ftit huwa qabel)*. Issa kuntent?

ERODI *(Jaqbad it-tazza u jniżżel ix-xorb f'nifs wieħed)*. Grazzi, neputi, grazzi. Issa tista' tmur, però mur għid lil oħti u lil missierek jiġu għaliex Erodi m'għandux ħajja twila.

ACHI. Ikun dak li trid is-sinjurija tiegħek. *(Joħroġ)*.

ERODI Cingo, irrakkontali. Dawk il-Maġi ma reġgħux lura, imma għandi naħseb li l-Messija qtiltuh, mhux hekk?

CINGO Oh! Sinjur tiegħi, dawn l-idejn iħammru u jintnu bid-dmija qatt ma rtogħdu, inqas quddiem il-ġmiel saħħari ta' martek, imma quddiem it-twerżieq ta' dawk it-trabi nnoċenti u l-biki ta' dawk l-ommijiet li kien jinstema' bħal żarżir ta' trombi mnikkta, nistqarrlek li qalbi nqasmet!!!

ERODI Qasmulek qalbek? *(Jidħaq)*.

CINGO Fost l-istraġi li għamlu s-suldati rumani, nilmaħ mara b'tarbija qiegħda tiġbed il-ħalib minn sider ommha u jiena naqbad din it-tarbija donnha taxxemgħa u fqajtilha rasha mal-ħajt! Ommha għajtet għajta u baqgħet mejta maġenbha!!

ERODI Biżżejjed! Biżżejjed!! *(Jgħatti wiċċu b'idejh it-tnejn)*. Cingo, min taħseb li kienet dik il-mara?

CINGO Jekk ma nitqarraqx il-mara kienet Marija u t-tifel kien Ġesù, Sultan tal-Lhud Alla ta' l-allat Kemm demm! Kemm dmugħ!! Kemm għajjat ta' rabja u ta' saħta!!!

ERODI Iva, saħta li. Jien sejjer immut iddisprat!! Għada, ix-xemx ma titlax biex iddawwal dawn l-għajnejn li għadhom iħarsu lejn it-tlellix tas-saltna tiegħi! Inħoss min iċarratli sidri! Qalbi tqattar id-demm u griżmejja magħfusin minn id tan-nar.

CINGO Hafna ommijiet baqgħu iżommu t-trabi mejta u maħsulin bid-demm f'ħoġorhom, u oħrajn għar-rkupptejhom fl-art quddiem il-vittmi jħalltu d-dmugħ mad-demm ta' uliedhom; ma tgħaddix minn triq li ma ssibx seba' trabi mejta fl-art.

ERODI Imma biżżejjed, Cingo. Inti sejjer toqtolni qabel il-waqt!!

CINGO Dan kollu għidtulek biex nassigurak li temmejna x-xewqat tiegħek, Sire.

ERODI Jien qtilt lil Messija li ġie biex jifdi lil bniedem. Le, jiena ma narax wiċċ Alla ta' **Abram! Is-saħta** taqa' fuqi u fuq uliedi!! *(Inkwiet).*

## It-Tieni Xena

Verutidio u ta' qabel

VERA. *(Jidħol).* Nista' nara lis-sinjur ħabib tiegħi Tetrarka Erodi?

ERODI Sa fl-aħħar ġejt tgħamilli żjara, maħbub ġeneral Id-dehra tiegħek hija dejjem ta' kuraġġ għal imsejken marid sultan u ħabib tiegħek Erodi. Aħbarijiet?

VERA. Sinjur tiegħi, ħdimna lejl u nhar, fittixna fil-għerin tal-Carmelo fil-boskijiet tas-Sammarija, fid-deżert ta' Ġuda, fix-xtut tal-Oċċident u ma kienx hemm rokna f'Betlemm li s-suldati tiegħi ma qallbuhiex ta' taħt fuq, imma fuq l-affari tal-Messija, hawn min jgħid li laħaq ħarab.

ERODI Cingo, inti għadek kemm għidtli?...

CINGO Sire, jiena għidtlek imma qatt ma jiena żgur minn dak li għidtlek.

ERODI *(Lil Verutidio)*. U ibni Archelao?

VERU. Ibnek tilef rasu, jiġri mat-triqat bħal miġnun u kulħadd jisthu u jgħiddu li joqtlu lilu lil missieru.

ERODI Joqtlu lili!!! Vili! Xtaqt kont nista' naqbadhom bejn idejja u noqtolhom ilkoll. Oh, kieku nerġa' nfieq. Imma le, jiena nħoss il-mewt riesqa lejja!

VERU. Il-Lhud għamlu għalija wkoll u kelli ndawwar l-armi tas-suldati għal fuqhom. Cingo, int ukoll, toħroġx imnieħrek mill-bieb ta' dan il-palazz il-barra għax hemm qiegħda tistennik il-mewt. *(Fil-ħin jinstema' għajjat minn barra)*. Abbasso Erodi! Mewt lil Erodi!". Isimgħuhom il-missirijiet li qtilnilhom lil uliedhom iridu vendetta. Ħadd ma joħroġ minn dan il-palazz.

ERODI Il-vendetta nagħmilha jien. *(Jaqbeż b'salt minn fuq is-sodda u jmur jaħtaf l-istallet li għandu fi ħżiemu Cingo)*. Għalfejn aktar dawn is-sofferenzi? Il-mard, l-uġiegħ tremend? Ir-rimorsi u dan it-theddid? *(Iwaħħal l-istallet ġo sidru. Verutidio u Cingo jmorru jieħdulu l-istallet minn idu, jaqbduh u jmidduh fuq is-sodda. Erodi jibqa' donnu mejjet, ma jitħarrek xejn. Difatti Erodi huwa mejjet)*..

## It-Tielet Xena

Archelao u ta' qabel kollha.

ARCH. *(Jidħol b'xuxtu mħabbla fi stat ta' ġenn)*. Hekku *(jiffissa b'ħarstu t-tliet persunaġġi)*. Tliet qattiela, u jien magħkom! *(Jidħaq)*. Missieri rieqed. *(Imur maġenb Erodi)*. Missier, qum u

ismagħni! *(Jiġbdu minn driegħu)*. Qum!! Hu l-werriet tal-kuruna, ibnek li qiegħed isejjaħlek. *(Jiġbdu minn driegħu. Erodi ma jagħti ebda sinjal ta' ħajja)*. Qum! F'ġieh Abram, wara l-bieb tal-palazz hemm eżerċitu ta' nisa u rġiel bit-tarbija mejta fuq driegħ wieħed u fl-ieħor is-sikkina biex jaqtgħulek rasek. *(Jidħaq)* It-toroq tal-Palestina mxarrbin bid-demm ma qatgħulekx l-għatx u inti rieqed bħal ħaruf innoċenti. *(Iħares bħal miġnun lejn idejh)*. Dawn l-idejn jintnu bid-demm nixtieq naqtagħhom barra! *(Imur jerfa' ras Erodi u jħalliha taqa' fuq l-imħadda bla ħajja)*. Huwa mejjet. Imma le! Din l-intiena mhix ħierġa minn idejja, imma ħierġa minn dak l-fomm moqżież ta' missieri. Huwa kien iħobbni, imma wara l-istraġi ta' l-innoċenti jien sirt nistmerrak. Il-qirda ta' l-innoċenti! Oh, miżerabbli!! X'inhu qatt li għamilt b'idejja? X'tiswieli dik il-kuruna tad-deheb li wara l-mewt ta' missieri sejjer inpoġġi fuq rasi jekk eluf ta' ommijiet jistħuni wkoll wara mewti għaliex qtiltilhom l-uliedhom. *(Imur maġenb Erodi)*. Int il-ħtija, missier, għaleix minn ċkuniti għallimtni l-ħażen kollu u fik ma rajtx ħlief bojja, bniedem bla qalb u bla ħniena. Imma huwa veru dan li qegħdin jaraw għajnejja? Mill-ġisem ta' missieri mhux biss ħerġa pesta! Imma qiegħed idewwed! Jeħtieġ inxarrbu bil-profumi l-katavru ta' missieri. Huwa mejjet. *(Imur iġib l-važett tal-profumi u jbda jroxx fuq il-katavru ta' missieru.*

VERU. Sinjuri jiena nsellmilkom. *(Joħroġ)*.

### Ir-Raba' Xena

Enoè, Antipater u ta' qabel kollha

ANTI. *(Jidħol ma' Enoè)*. Jiena ninsab hawn ma' marti Missier, jekk għandek ħsieb li toqtolni, jiena nin-

sab f'riġlejk, iżda ma kellhiex il-kuraġġ inħallik tmut waħdek mingħajr ma niġi narak.

ARCH. Ħija, baxxi leħnek. Missieri huwa mejjet. Agħmel il-mewta ta' l-iddisprati.

ANTI. Mejjet!!! *(Javvićina lejn Erodi).*

ARCH. Forsi ġejt biex tpoġġi l-kuruna ta' Tetrarka fuq rasek minfloki? Ħsibt li jien kont bqajt mejjet?

ANTI. Le, ħija, il-kuruna tmiss lilek. Għalija hija biżżejjed marti Enoè, meta maġenbi għandi tfajla mixgħula bl-imħabba t'Alla għandi l-akbar teżor. Id-daqq ta' l-arpa u l-għana ta' marti Enoè jgħamluni hieni aktar mit-trijonfi li kellu missieri. X'inhi kuruna tad-djamanti fuq rasek ħlief toqol? Nagħżel il-kuruna tal-ward li kull filgħodu marti tpoġġili fuq ġbini. X'jiswa li jkollok palazz mimli bil-qaddeja u tixrob il-pajċiri kollha ta' qiegħ il-kalċi meta inti mdawwar bl-għedewwa u fik m'għandekx il-paċi t'Alla?

ARCH. Imma dan int minn meta bdejt titkellem hekk?

ANTI. Minn mindu ħabbejt lil Enoè, hija biddlet il-ħajja tiegħi f'ġenna. U issa, ħija, gawdi int il-wirt ta' missieri, iżda ftakar li sejjer titla' fuq tron maħsul bid-demm ta' ħafna innoċenti; ftakar li sejjer tilbes kuruna tqila bid-delitti!! Missieri miet, iżda kieku ma mietx kienu jiġu joqtluh l-għedewwa u ibqa' żgur li malli titferrex l-aħbar tal-mewt ta' missieri, il-Lhud jagħmlu festi kbar u joffru ħafna sagrifiċċji 'l Alla ta' Abram.

ARCH. Nittama li ma nimxix fuq l-eżempju ħażin ta' missieri. Huwa mingħajr dubju ma marx jara wiċċ Alla ta' Abram.

ENOE' Jiena ħlomt li rajt lil missierek Erodi jgħum f'baħar tan-nar jgħajjat u jsejjaħ l-għajnuna biex ma jiġix miblugħ minn dawk il-ħġejjeġ tan-

nar; imma lejh ma resaq ħadd ħlief mostru infernali u b'daħqa satanika beda jobżoqlu f'wiċċu u jinsultah. Erodi għeżżeż il-ponnijiet u bħal indannat għeb f'dak l-abbissi tan-nar u ma rajtux iżjed.

ARCH. Holma tal-biża', iżda għandha mir-realtà. *(Imur maġenb il-katavru ta' missieru)*. Missier, inti ġejt imsejjaħ Erodi l-kbir għaliex kbar kienu l-opri materjali tiegħek, iżda kieku mal-monumenti li waqqaft ħabbejt lil għajrek u lil dak li għaniek bil-ġid, kieku kont tkun kbir mhux le fl-għajnej tal-profani biss, imma quddiem Alla ta' Israel. Int issa tinsab mitluf! *(Jgħatti wiċċu jibki)*. Però wkoll idejha mhumiex ħelsin middnub. Jiena qtilt!!!

## L-Aħħar Xena

Rifar u ta' qabel

RIFAR *(Jidħol)*. X'aħbarijiet mil-jum li ħallejtkom?

ARCH. Raqad ir-raqda tal-mewt. Misħuta minn Alla! *(Jurieħ lil Erodi fis-sodda mejjet)*.

RIFAR Erodi mejjet, u miegħu mietu l-ġrajjiet, però ma mietux id-delitti. Id-demm ta' l-innoċenti għadu jħammar fl-art, mal-ħitan u fuq djul ommhom, iżda dak id-demm fetaħ il-bibien u qata' l-ktajjen tal-ħelsien. Miet Sultan tal-qerda u twieled Sultan tal-fidwa. Il-Messija għadu ħaj. Jiena flimkien mat-tliet Slaten Maġi rajnieh u bisnieh. Huwa tfajjel ta' ġmiel li d-dinja għadha qatt ma rat!! O poplu ta' Israeli! Ulied iffortunati ta' Abram u ta' Ġakobb! Sa fl-aħħar niżel għalikom fuq l-art dak Alla qawwi li jista' kollox, li għandu jerfa' 'l fuq il-bandiera ta' Ġuda u tgħaddi tperper trijonfalment taħt is-Sema

sabiħ ta' l-Orjent kollu. Iva, Dan huwa l-Messija li wegħduna l-profetti. Morru iġbru l-fjuri tal-ġonna kollha u ifirxhuhom mal-mgħoddija Tiegħu, xejrulu l-palm aħdar u għannulu : "Hosanna, Iben Etern imnissel minn Ruħ il-Qodos!" Fittxu iġru nisa devoti li tliftu 'l uliedkom, skribi setgħani u twajba saċerdoti u xerrdu din l-aħbar sabiħa mal-Palestina. Intom ukoll, ulied Ġerusalemm, morru ilbsu l-isbaħ ilbies tal-festa, ħejju ż-żjut u l-fwieħa daqs kieku ġejtu misted-nin f'tieġ ta' prinċep. *(Kontra xena ta' kulħadd. Idur fuq l-oħrajn kollha).* Intom ukoll, nisel żventurat, fittxu li tgħixu skond il-qalb tal-Mulej biex tpattu u tixxuttaw id-dmugħ u d-demm li xtered ħtija ta' missierkom Erodi. *(L - oħrajn kollha jinżlu għarrkupptejhom, ibaxxu ġbinhom ma' l-art bħala att ta' umiljazzjoni. Rifar jistira jdejh it-tnejn fuqhom biex iberikom u bil-mod il-mod tingħalaq il-purtiera).*

TMIEM TAD-DRAMM

Sliema
21-1-61